MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 203/2008

**Talba Nru: 203/2008VGD**

Maria Assunta Bugeja (Id. 510358M).

Vs

Mary Abela (Id.218864M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta’ elfejn, u sitta u disghin Ewro (€2096) rapprezentanti bilanc ta’ somma mislufa lill-konvenuta ‘brevi manu’ mill-attrici u li l-konvenuta ma hallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjes u bl-imghax sal-hlas effettiv. Il-konvenuta qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn, u sitta u disghin Ewro (€2096), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------